MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2009

Numru 320/2009

PULIZIJA
SPETTUR ANGELO GAFA'
VS
ALAN DEBATTISTA
RENEE' CACHIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati, Alan Debattista ta' 26 sena, iben Anthony u Mary nee' Spiteri, imwieled Pieta' fit-28 ta' Mejju 1982, residenti f' St. Gregory, Misrah il-Barrieri, Msida u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 302282(M); u Renee' Cachia ta' 33 sena, bint Frederick Cachia u Antonia nee' Vella, iwmieled Pieta' fid-29 ta' April 1975, residenti f'39, Olympia Court, Flat 4, Triq il-Mintba, Marsaskala u detentrici tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 229975(M).

Illi huma akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, fis-27 ta' Settembru 2008 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti

maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, xjentement qeghedtu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammew ghandhom ghall-bejgh jew importaw ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema mxebbhin b'qerq;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, bil-ghan li jiehdu vantagg ghalihom infushom jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkagunaw telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju, bieghu jew krew, offrew jew esponew ghall-bejgh jew kiri jew qassmu oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma' *trademark* registrata;

Lil Alan Debattista wahdu akkuzat talli b'hekk sar recidiv ai terminu ta' l-Artikolu 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 25 ta' Lulju 2006.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (fol. 7) u dak ta' l-imputati (a fol.11 u 12) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputati fil-verbal datat 25 ta' Mejju, 2009;

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli lill-imputat ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-ammissjoni taghhom, l-Qorti ssib lill-imputata Renee' Cachia u lill-imputat Alan Debattista hatja skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 298(1) (f) tal-Kap.9 tal-Ligijiet

ta' Malta, Artikolu 72(1)(b) tal-Kap.416 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-imputata Renee' Cachia bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) xhur u dana stante illi hija *a first offender*, waqt li tikkundanna lill-imputat Alan Debattista sabiex ihallas multa ta' elf euro (€1000). Din il-multa ghandha tithallas fi zmien sitt xhur b'rati mensili.

In oltre', il-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni ta' l-oggetti elevati u ezebiti li huma kontrafatti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------